# MIKIEL ANTON VASSALLI *

*Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel, paġ. 61.*

Wara li l-Franċiżi kellhom iċiedu l-Belt lill-Maltin u ħallew il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex (Settembru 1800) sa kemm inbagħad sar it-Trattat ta' Pariġi li twettaq fit-30 ta' Mejju, 1814, Malta, għalkemm taħt il-protettorat tal-Kuruna Ingliża, baqgħet bejn ħaltejn taħt liema Potenza se'jmissha toqgħod jew x'għamla ta' Gvern se'jkollha.

Bil-għaxar articlu tat-Trattat tal-Paċi, (magħmul f'Amiens fis-27 ta' Marzu, 1802) kien inqata' li Malta għandha tarġa' taqa' f'idejn l-Ordni b'dawk il-pattijiet li milli jidher jaqblu ħafna ma' dawk li kien hemm imfisser fil-memorjal li darba kien imressaq minn Vassalli fi żmien De Rohan. Fost dawn kien hemm li fl-Ordni kellha titwaqqaf il-Lingwa Maltija, bil-Berġa tagħha mingħajr il-ħtieġa li l-Kavalieri Maltin ikunu ta' nisel nobbli ; ftuħ tal-Portijiet ta' Malta b'kummerċ libru għall-bastimenti *tan-nazzjonijiet kollha*, b'lazzarett miftuħ għall-Bandieri kollha, bil-patt, iżda, illi l-artijiet ta' Barbarija ma jidħlux mal-pajjiżi l-oħra fil-kummerċ libru sakemm l-Ordni, li fiha l-Potenzi jkollhom il-Lingwa tagħhom, ma jiġux għal xi ftehim ta' paċi mal-Barbarija. Il-ħsieb tal-Potenzi li jroddu 'l Malta f'idejn l-Ordni kien li jqiegħdu dawn il-Gżejjer f'kondizzjoni għaliha li ma jkollha x'taqsam ma' ħadd mill-Potenzi ta' l-Ewropa li ippretendewha. Il-Maltin bagħtu id-Deputati l-Ingilterra biex ifissru li ma qablilhomx jerġgħu jiġu f'idejn l-Ordni għalavolja b'dawk il-pattijiet, u li mhux tassew li taħt l-Ordni Malta tkun għaliha bla ma jkollha rabta ma' Potenzi oħra. Dawn id-Deputati talbu wkoll illi l-irsiera Maltin li kienu qegħdin fl-Alġerija jiġu mifdijin bħalma gew fi Stambul u u fil-pajjiżi tat-Torok.

Għal xi raġunijiet politiċi l-Ingilterra żammet il-gżejjer ta' Malta. Fost dawn ir-raġunijiet kien hemm dik li fl-Ordni ma kienx għad hemm dawk in-nazzjonijiet ta' żmien it-twettiq tat-Trattat, u, tarġa', ma kienx hemm biżżejjed fondi biex jagħmlu tajjeb għall-indipendenza tal-Gżira taħt il-ħakma ta' l-Ordni. Il-Gvern Ingliż waħħal fi Franza u fi Spanja talli

* Tagħrifa—Fin-Nota ta' l-aħħar biċċa fuq VASSALLI (Ara "IL-MALTI" Settembru, 1933, faċċ. 88) fil-vers ta' l-aħħar, il-qawl latin hu miġjub *kif hemm minqux* fuq il-bieb tal-Palazz, jigifieri bil-kliem imtenni, iżda dik il-kitba hi maħsuba li għandha tinqara minn tarf għal-tarf jew aħjar minn statwa għall-oħra ta' bejn il-bieb, u l-kelmiet l-oħra tan-nofs għalihom. Għalhekk aqra bis-sens : ARMIS ET LEGIBUS *(bl-Armi u bil-Haqq).*

bl-egħmil tagħhom ma setgħux iwettqu l-Għaxar Articlu tat-Trattat t'Amiens. Qal li sab ruħu milgħub minn Franza billi din marret kontra l-ftehim fuq il-Lvant u dlonk, għalhekk, iddikjaratilha gwerra. Franza, mill-banda l-oħra, hedditha li tqanqlilha gwerra kemm il-darba ma tbattalx minn Malta. Iżda r-raġuni sewwa għaliex l-Inghilterra qablilha żżomm lil Malta nsibuha fid-diskors li kien għamel Lord Menville fil-Parlament Ingliż fl-24 ta' Mejju, 1803.

Ir-re ta' Napli u ta' Sqallija, fl-1 ta' Dicembru ta' l-1798, kien daħal fi trattat ma' l-Ingilterra u b'riħet hekk din il-kuruna megħjuna mir-Russja u mill-Portugall, għenet fil-Blokk lill-Maltin kontra l-Franċiżi. Il-Maltin, bħal ma semmejna qabel, kienu talbu l-għajnuna tar-Re ta' Napli bħala werriet tas-saltna ta' Karlu V fuq Malta taħt il-Maġisteru ta' l-Ordni.

Wara l-battalja ta' Awsterlitz (2 ta' Diċembru 1805) l-armata Franċiża niżlet mill-Italja ta' fuq u daħlet f'Napli fl-14 ta' Frar, 1806. In-Naplitani għalkemm megħjunin mill-Moskoviti u mill-Ingliżi, ma setgħux jilqgħuhom u Re Ferdinandu, għat-tieni darba, kellu jaħrab lejn Sqallija. Ġużeppi laħaq flok Ferdinandu b'degriet ta' ħuh Napuljun, iżda, wara sew sew sentejn, floku daħal Ġakkinu Murat li kien miżżewweġ lil Karolina Annunzjata, oħt Napuljun. Murat kien wieħed mill-aqwa ġenerali ta' l-Armata Franċiża.

Hawnhekk Napuljun ħaseb li jwaqqa' s-setgħa ta' l-Ingilterra u jaqtagħha mill-kummerċ ta' l-Ewropa billi jagħlaq għall-bastimenti Ingliżi l-portijiet kollha. Ma' Napuljun kienu ngħaqdu r-Russja, l-Awstrja u Spanja, iżda dawn inbagħad ħallewh.

Murat sar Re ta' Napli fl-Lulju ta' l-1808.

Murat fl-1799 kien f'ras il-kavallerija meta Napuljun ħareġ mill-Kajr bi 12,000, ruħ. Fl-1805, f'ras 48,000 ruħ, kien għaleb kull xkiel u qasam ix-xmara Reno. Fl-istess sena, wara li qasam id-Danubju, daħal rebbieħ f'Wertingen. Fil-battalja ta' Awsterlitz (Awstrja) kellu l-kmand tal-kavallerija, inbagħad bħala marexxall daħal fi Brünn, kapitali tal-Morovia (Awstrja). Sar Gran Duka ta' Clèves u ta' Berg (1806) u fis-27 ta' Marzu (1806) kien daħal rebbieħ f'Dusseldorf (Pussja). Kemm dam jissaltna f'Napli, Murat keċċa l-Ingliżi mill-gżira ta' Kapri. Ħareġ bin-nies tiegħu tal-baħar u ta' l-art kontra tagħhom li ħabtu jidħlu fil-port ta' Napli u mhux ħlief jikkursiġġaw f'dawk l-ibħira; ħebb għal Sqallija u fit-taqbida l-kbira li saret qrib il-golf u x-xtajtiet ta' Napli u ta' Kalabbrija l-Armata Naplitana ta' fuq il-baħar baqgħet tissemma għall-ħila qawwija tagħha.

Fil-gwerra kontra l-Moskoviti Napli bagħtet minn tagħha 10,329 suldat u 1,853 żiemel, u Murat wassalhom qrib Niemen u baqa' sejjer biex jingħaqad mall-ewwel korp tal-Kavallerija fuq Witebsk fejn ġagħal lill-General Moskovit Osteman-Tolstoï jarġa' l-ura, u ħalla mejtin fuq il-kamp mas-6,000 suldat Moskovit. L-għada Murat ħa sehem fil-battalja ta' fuq ix-xtajta ta' Moskowa li għalqet il-bieb ta' Moska. Minn hemm u ftit raġa' deher fil-battalja ta' Lipsja (1813), iżda, inbagħad, wara l-waqgħa ta' Napuljun, raġa' lejn Napli biex isalva t-tron, u tħabbeb mal-Awstrja u l-Ingilterra u dawwar dahru lil Napuljun. Kisirha mal-Viċi-Re ta' l-Italja Ewġenju Beauharnais u daħallu f'Pisa, f'Livornu u f'Lukka. Hawn tfaċċa l-Prinċep werriet ta' Sqallija flimkien ma' l-armata Ingliża ta' Bentinck li ippretenda l-Napli. Jiġu fl-ideju. L-armata Sqallija tbattal mit-Toskana; Murat jimxi l-quddiem, iżda Beauharnais hekk chif sama' li Napuljun ħalla t-tron, telaq mill-Italja, u Murat sab ruħu fis-sod u mingħajr xkiel ġewwa s-saltna ta' Napli.

Fost il-Potenzi dlonk inqala' l-biża' u t-taħwid billi xammew illi Murat ried jagħqad l-istati ta' l-Italja u ta' Sqallija f'saltna waħda u b'hekk jeħlishom minn taħt id-dwiefer tal-barrani: fost dawn il-Potenzi l-Awstrja u Franza ħasbu għalhekk li jeħilsu minnu u kollha flimkien stqarrew li Murat ma satax joqgħod fuq it-Tron ta' Napli bi ħsara tar-Re li bil-jedd għandu joqgħod floku. Fuq hekk heddewh bi gwerra.

Sadattant f'Parigi sar it-Trattat tal-Paċi bejn Lwiġi XVII u l-Potenzi l-oħra msieħbin li kienu daħlu fi Franza (30 ta' Mejju, 1814). B'riħet dan it-Trattat Malta giet għas-seħħ f'idejn l-Ingilterra. Fil-Kongress ta' Vienna l-borma kienet qiegħda titħawwad ġmielha. Inkixef li bejn Murat u Napuljun, it-turrufnat fil-Gżira ta' Elba, kienet tiġri l-korrispondenza. Murat ordna 13-il-reġiment tal-fanterija u tal-kavallerija għal-l-Italja ta' fuq. L-Awstrja tikser it-trattat tal-11 ta' Jannar 1814 u tidher fuk il-kamp biex f'Tolentino toqtol l-indipendenza ta' l-Italja. Fl-4 ta' Marzu 1815, Napuljun jaħrab mill-Gżira ta' Elba. Murat għalkemm marbut b'pattijiet ma' l-Ingilterra u ma' l-Awstrja, ma satax jinsa, l'pajjiżu u, miġbud minn martu bla ndiema ta' xejn, iġġenneb għan-naħa ta' Napuljun. Iżda dlonk ingħażel billi ried jifdi s-saltna ta' Napli mill-ħakma imperjali ta' ħatnu u telaq biex jeħles l-artijiet ta' l-Italja mn'idejn il-barrani. L-Italja, magħquda flimkien, inġabret u marret wara Murat kontra l-Awstrijaċi u l-Germaniżi. It-tropop tiegħu daħlu f'Bolonja u resqu lejn Spilembjato f'tarf il-Pont ta' Sant'Ambroġju. L-aħbar li l-Awstrijaċi ħadu Antrodoku fl-Abruzzi u li Akwila ċidiet, illi l-poplu qam favur il-Burbuni,

u li l-Kalabbriżi mxewxin mis-seksiefa tal-Burbuni, kienu rvellaw, ġagħlu lil Murat idawwar wiċċu lejn Napli.

L-għada kien wieqaf f'Tolentino dieħel f'Maċerata. Hawnhekk l-armi Naplitani qelgħu daqqa ta' ħarta u xterdu, Murat bil-ftit tan-nies li kien fadallu qata' qalbu. Wara t-telfa f'Minjano, Murat sama' li l-Awstrijaċi kienu daħlu f'Kapwa, u daħal f'Napli bil-moħbi. Fil-20 ta' Mejju, 1815 għamel it-trattat ma' l-Awstrja u l-Ingilterra fid-dar iċ-ċkejkna ta' Lanza tliet mili bogħod minn Kapwa u ċieda t-tron ta' Napli favur Ferdinandu IV. Dik l-għodwa stess Murat telaq minn Napli bi ftit nies miegħu. Waqaf fil-gżira ta' Iskja u minn hemm fuq bastiment għal Franza mingħajr ebda tagħbija ta' ġid. Napuljun ma ħallihx jidħol f'Pariġi u warrbu f'dar tal-kampanja u ċaħdu mill-eserċtu tiegħu.

Wara t-tħarbita tal-Franċiżi f'Waterloo li qajmet it-taħwid u l-irvell f'Tulun u f'Marsilja, Murat, li kien jinsab f'Tulun, kellu jaħrab għax baża' li joqtluh ma' dawc l-oħra li jżommu ma' Napuljun. Ma laħaqx imbarka fuq bastiment għal Havre u kellu jiġġerra mal-kampanja sakemm sab barkazza u, wara maltempata, wasal f'Korsika u biex, jaħrab mill-egħdewwa, mar joqgħod f'raħal ta' Veskovado. Minn hemm iddobba passaport Awstrijak u, iżda għall-ewwel ma ridux għax kien bi ħsiebu jerġa' jidħol Napli bin-nies tal-partit li kien qiegħed ilaqqat biex jitlaq bi spedizzjoni għal dak il-pajjiż.

Dan kien f'Settembru tal-1815.

Kien sew sew għal dik il-ħabta meta l-isem ta' Ċensu Barbara nsibuh imsemmi fl-aħħar ġrajjiet tal-ħajja ta' Murat.

Colletta fl-*Istorja del Reame di Napoli* jsemmi 'lĊensu Barbara bħala wieħed malti kursar li kien milqugħ minn Murat fl-armata navali tiegħu u fi żmien qasir imlaħħaq kaptan ta' frejgata, kavalier u baruni (Colletta *Storia del Reame di Napoli* Vol. II faċċ 263). Francesco Guardione (*Gioacchino Murat in Italia.* 1916 faċċ 529) igħid ucoll li qabel ma daħal fl-armata navali ta' Murat f'Napli, Barbara kien furban u Murat kien laħħqu fizzjal fl-artama navali ta' Napli.

Dan kollu jurina illi biex Barbara laħaq f'dan il-grad għoli, huwa kien wera f'qasir żmien il-ħila tiegħu fil-battalji navali li Murat kellu fil-bosta attakki li kien għamel barra l-port ta' Napli. Tarġa' Barbara kien diġa' magħruf bħala wieħed mill-iktar baħrin qalbiena tal-Marina Franċiża sa minn meta l-Franċiżi għamlu f'rashom li jieħdu 'lMalta.

Wara l-amnistija mogħtija lill-pruġunieri u rsiera fl-aħħar trattati ta' paċi bejn il-potenzi ta' l-Ewropa u tal-Lvant wara l-1801, għandna naħsbu illi Ċensu Barbara kien ħeles mill-jasar u, sa mill-inqas l-1808 kien taha għas-sengħa ta' furban, iktarx fuq xi wieħed mill-bastimenti Franċiżi fil-Mediterran. Barra milli jtarrfulna dawk iż-żewġ storiċi li semmejna, dwar Barbara nsibu ħaġa iżjed fil-wisa' u bir-reqqa msemmija fuq il-*Gazzetta tal-Gvern ta' Malta* tat-28 ta' Mejju 1828, Nru 902 faċċ. 173, li tixħet dawl wisq iżjed ċar minn dak ta' dokumenti oħra għal dik li hi mġieba ta' Barbara ma' Murat fil-waqt li dana kien telaq għal-Napli minn Korsika u kellu jieqaf f'Pizzo fejn inbagħad dan l-imsejken ta' Re, imkeċċi mir-renju tiegħu u saħansitra minn pajjiżu, kellu jsib il-mewt tiegħu, xi wħud kif igħidu, bi tradiment ta' l-istess Barbara. F'din il-*Gazzetta* naqraw tagħrifa mogħtija bil-ftietaq kollha minn Armand, kamrier ta' Murat fuq l-aħħar ġranet ta' sidu. Minn din it-tagħrifa nieħdu illi l-Kaptan Barbara li kien fis-servizz ta' Murat f'Napli, mar jilħku f'Korsika, u Murat tah f'idejh il-kmand ta' l-ispedizzjon. Fit-2 ta' Settembru 1815, imħabba r-riħ kontrarju, il-bastimenti poġġew f'Kopraja, fit-3 tax-xahar reġgħu telqu u fil-5 tax-xahar waslu quddiem Stromboli u fittxew li jirbħu l-art ta' Kalabbrja, iżda l-maltemp xerridhom kollha kemm huma, barra minn bastiment wieħed bil-baħrin għas salvazjon ta' Murat, Murat ordna il Barbara li jersaq mal-art u jittanta jiġbor il-bastimenti l-oħra mitlufa, iżda kollu għalxejn ; minnhom ma nsabx ħlief wieħed, b'40 suldat fuqu. It-tliet bastimenti kellhom jitilqu għaliex id-Dwana hedditħom li tagħmel in-nar fuqhom. Fis-7 tax-xahar (Ottubru) minn fuq il-bastiment bis-suldati fuqu, taħt il-kmand ta' Couran, żewġ fizzjali telgħu abbord tal-bastiment ta' Murat u talbuh joqogħdu miegħu; wara ftit, Couran ma deherx iżjed. Murat bil-ftit bastimenti u nies li baqgħu miegħu qata' qalbu u għamel il-ħsieb igħaddi għal Trjesti bil-passaport li kellu. Iżda biex ibaħħar fil-baħar tal-Adrijatiku ħteġulu l-provizjon u l-ilma, barra minn bastiment ieħor, għax bil-ħsara li kellu f'tiegħu ma kienx jasal bis-sliema. Barbara webblu biex jidħlu fil-port ta' Pizzo li kien hemm fil-qrib minn fejn, bil-għajnuna ta' ħabib tiegħu, kienu jistgħu jiddubbaw kulma jonqoshom, jekk hemm bżonn flus ukoll. Barbara ried jinżel f'Pizzo hu stess, iżda bil-passaport ta' Murat fil-waqt li dan ma riedx jatihulu.

Fuq hekk tlewmu, Murat ried lil Barbara jieħu l-karti tal-bastimenti u jinnoleġġa b'ismu bastiment ġdid, għax jekk jatih il-passaport, lilu jagħrfuh u jarrestawh. Meta ra li Barbara webbes rasu, Murat kollu mgħaddab niżel hu stess b'xi tletin

ruħ u qal lil Barbara biex hu jibqa' abbord u jressaq iż-żewġ bastimenti biex *jekk jara xi rewixta jew jisma' xi sparar* ikun lest imur għalih bid-dgħajsa tal-klugħ u jtellgħu abbord. Ġara dak li kellu jiġri. F'Pizzo lil Murat għarfuh u kien hemm min leqgħu b'agħjat ta' ferħ u min stmah ta' Re, iżda kif mill-port tala' l-belt u mill-belt ħareġ għal beraħ tal-kampanja, b'ordni ta' wieħed mit-tradituri tiegħu, kaptan tal-ġendarmi, il-kampanjoli għamlu n-nar fuqu. Il-ġeneral Francescotti bil-pistola f'idu widdeb lil kaptan li joqtlu jekk ma jwaqqafx in-nar, u b'hekk Murat kellu ż-żmien jasal ix-xatt biex minn hemm jasal abbord, iżda dawk li kienu abbord taħt il-kmand ta' Barbara malli semgħu l-isparar tbiegħdu mix-xatt u b'kemm kellhom ħila u qawwa bdew jaqdfu biex jaħarbu l-periclu. Murat baqa' l-art mingħajr dik il-għajnuna li stenna minn Barbara. B'hekk inqabad priġunier flimkien man-nies li kellu u, wara kundanna bħala għadu tal-paċi pubblika, gie xkubettjat fil-kastell ta' Pizzo fit-13 ta' Ottubru.

Dan hu kulma nafu sewwa fuq Barbara fl-aħħar ġranet ta' Murat. L-akbar ħtija li tingħata lil Barbara li hu telaq lil sidu fl-aqqal mument li sata' jsalvalu ħajtu, sabiex, kif igħid Colletta, jaħtaf f'idejh il-ġid kbir li kellu Murat, Colletta għal-hekk, sejjaħ lil Barbara *ħalliel u inġrat (Storia del Reame di Napoli* Vol. II paġ : 263). Mill-banda l-oħra Francesco Guardione (*Gioacchino Murat in Italia* p. 529) igħid illi fil-waqt li Murat kien qiegħed ifittex li jaħrab minn taħt il-ġendarmi u mill-poplu ta' Pizzo u wasal ix-xatt fejn stenna li jsib mezz li jarġa' jitlaq għal vjaġġ, hemmhekk "sab illi l-bastimenti tiegħu, taħt it-tmexxija ta' Barbara, kienu qegħdin jitbiegħdu. Sejjaħ kemm il-darba, iżda għal-xejn. Barbara, kif ikompli jgħid Guardione, telaq lil Murat għar-regħba moqżieża li jieħu f'idejh il-ġid tar-re."

Illi Barbara telaq lil sidu u ma qgħadx jistennih ix-xatt ta' Pizzo hija ħaġa li ma jista' jmeriha ħadd; iżda x'inhi sewwa r-raġuni aħna ma nafux għajr li iktarx għaliex Barbara u n-nies ta' fuq il-bastimenti raw in-nar għal fuqhom, jew li Murat f'dik it-telfa u ħarba ma satax ikun fil-post li kien miftiehem ma' Barbara. Għal dak li jgħidu Colletta u Guardione fuq il-ħsieb rgħibi ta' Barbara, dana xejn ma jidher minnu. Skond ma stqarr l-istess Armand, Murat, meta arrestawh u fittxewlu fuqu, ma kellux ħlief għoxrin djamant u dawk biss li mit-teżori kienu beqgħulu. Murat stess minn Ajaċċjo, (Korsika,) wara li ħarab minn Marsilja fit-28 ta' Settembru, 1815, fost ħwejjeġ oħra hekk jikteb lil Maceroni, fizzjal tiegħu: xi wħud jippretendu li minn Napli ġarrejt miegħi xi teżori...

il-ġid li jiena kelli kollu ħlejtu għas-saltna tiegħi f'Napli...nista' ngħid li l-lum m'għandix iżjed biex ngħix, la jien u l-anqas il-familja tiegħi (Guardione, faċċ 522.) Band'oħra Armand igħid: "Fil-ġurnata li kellna nsalpaw (Settembru 1815) wasal Maceroni b'passaport għall-Awstrja iffirmat mill-Potenzi bil-permess għal Murat li jmur u jibqa' fil-pajjiż (Vienna) fejn kienet tinsab il-familja tiegħu. Iżda hu għamel f'rasu li jitlaq dik il-lejla stess f'nofs il-lejl u jmur Napli, m'hux le biex jarġa' jieħu f'idejh is-saltna ta' dik l-art, iżda biex jingħalaq ġewwa furtezza u hemmhekk jitħaddet *fuq il-mezzi tal-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu*, billi huma ma kien fadlilhom ebda ġid u ma kienx ġarr miegħu, meta telak minn Napli, ħlief is-somma ta' 1,500,000 frank."

Sabiex jixtri l-bastimenti għall-ispedizzjon minn Korsika għal Pizzo, skond ma jistqarr l-istess Armand, kellu jbiegħ il-biċċa l-kbira tal-ftit djamanti jew teżori li kellu!

Minn żmien dawn il-ġrajjiet sakemm niġu biex nerġgħu niltaqgħu ma' Barbara jilħqu fuq is-sena u nofs.

*(jissokta)* A. C.